MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 36/2010

Doreen Grech

vs

Emanuel Grech

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-27 ta' Awwissu 2010, li jaqra hekk :-

'Jghid ghaliex il-konvenut ma ghandux jigi kundannat ihallas is-somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u disghin Ewro u disgha u sittin centezmi (€3291.69) dovuti lill-attrici bhala manteniment ghal diversi xhur u sehemu ta' l-ispejjez u ta' l-edukazzjoni ghal uliedu minuri Abigail u Neville, ahwa Grech, a tenur tas-sentenza moghtija fl-ismijiet : Doreen Grech vs Emanuel Grech, Rikors Guramentat numru 13/2008 AE, deciz fit-8 ta' Jannar 2008, kopja annessa u markata bhala Dok.A ;

Illi l-ammont dovut huwa parti minn somma ikbar u jirrizulta mill-prospett anness u markat bhala Dok. B flimkien ma' kopja ta' l-ircevuti kollha ta' l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u s-sahha markati minn Dok. C1 sa C61 ;

Illi l-konvenut gie nterpellat inutilment kif ukoll hemm diversi kawzi pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali imma l-konvenut qed jibqa' ma jidhirx ghal dawn il-kawzi kif ukoll gie anke' interpellat permezz ta' ittra ufficjali numru 740/2009 tat-3 ta' Novembru 2009, a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.'

Il-konvenuta debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh fl-14 ta' Dicembru 2010, permezz tar-risposta tieghu pprezentata fid-29 ta' Dicembru 2010, eccepixxa :-

' (1) Illi preliminarjament l-attrici trid telenka u tistabilixxi liema xhur qed tippretendi li l-konvenut kien moruz fil-hlasijiet taghhom u li a bazi taghhom l-attrici qed tibbaza t-talba taghha ;

(2) Illi bla pregudizzju ghall-premess jekk l-attrici issostni li ghandha xi arretrati ta' hlas ta' manteniment hija kellha tirrikorri ghal proceduri diversi u senjatament ghall-hrug tal-mandati ezekuttivi stante li r-retta alimentarja temani minn sentenza tal-Qorti ;

(3) Illi l-esponenti qatt ma nghata ricevuti tal-ispejjez in konnessjoni mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri u dana kif mitlub fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, datata 8 ta' Frar 2008, fl-ismijiet : Doreen Grech vs Emanuel Grech, u ghalhekk qed jirrizerva l-pozizzjoni tieghu f'dan ir-rigward stante li huma f'ammonti kbar ;

(4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.'

Ra li fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas lill-attrici hames pagamenti akkont, wiehed ta’ hames mitt Euro (€500) fid-29 ta’ Settembru 2010, iehor ta’ sitt mitt Euro (€600) fil-5 ta’ Ottubru 2010, pagament iehor ta’ sitt mitt Euro (€600) fis-6 ta’ Ottubru 2010, pagament ta’ tliet mitt Euro (€300) fit-2 ta’ Novembru 2010, u pagament ta’ erbgha mitt Euro (€400) fl-14 ta’ Dicembru 2010;

Ra n-noti ta’ riduzzjoni tat-13 ta’ Ottubru 2010, tal-5 ta’ Novembru 2010, u tal-14 ta’ Jannar 2011, li permezz taghhom l-attrici rriduciet l-ammont tat-talba taghha ghal tmien mija u wiehed u disghin Euro u disa’ u sittin centezmi (€891.69) ;

Ra l-ammissjoni tal-konvenut ghat-talba tal-attrici ghall-hlas ta’ dan il-bilanc ta’ €891.69 debitament verbalizzata fl-udjenza tas-27 ta’ Jannar 2011 ;

Ra wkoll li l-partijiet fl-istess udjenza tas-27 ta’ Jannar 2011, qablu li tinghata sentenza minn dan it-Tribunal ghall-hlas ta’ dan il-bilanc, b’dan illi s-sentenza m’ghandhiex tkun esegwibbli qabel 1 ta’ April 2011 ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti senjatament il-prospett dettaljat a fol.8 tal-process bl-ammonti pretisi mill-attrici, liema prospett jinsab imsahhah ukoll bil-kopji tal-ircevuti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut ghall-hlas tal-bilanc ta’ tmien mija u wiehed u disghin Euro u disa’ u sittin centezmi (€891.69), dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jilqa’ l-istess talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan il-bilanc ta’ €891.69 lilha dovut ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet b’effett mid-data ta’ din is-sentenza sal-effettiv pagament, b’dan illi din is-sentenza ghandha tigi esegwibbli b’effett mill-1 ta’ April 2011, ghall-bilanc li jibqa’ mhux saldat lill-attrici sal-31 ta’ Marzu 2011.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluzi ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali numru 740/2009 tat-3 ta' Novembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------